**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 212**

L-Erbgħa, 28 ta' Frar 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.04 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

## ATTENDENZA

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Chris Bonett, u s-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittiijiet tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Claudette Buttigieg u l-Onor. Romilda Zarb kienu skużati.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta 211 li saret fis-27 ta' Frar 2024 kienu kkonfermati.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 14143 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3192 — Artist Impression u pjanti approvati tal-Iskatepark fi Ġnien Tony Bezzina f'Raħal Ġdid, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16669.

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3193 — Stqarrijiet Finanzjarji tal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD) għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2023.

Il-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika, l-Onor. Clayton Bartolo, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3194 Rapport bl-isem *Impact Assessment for the Mediterrane Film Festival* datat Frar 2024; u

P.L. 3195 Dokument bl-isem *40% Cash Back Bolder. Better – Financial Incentives for the Audiovisual Industry* dwar il-linji gwida tal-cash rebate maħruġ mill-Malta Film Commission f'Marzu 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16509.

**DISKUSSJONI ĠENERALI MINGĦAJR VOT B'RABTA MAR-RAPPORT TAL-BORD TAL-INKJESTA LI NĦATAR DWAR L-INĊIDENT LI SEĦĦ NHAR IT-3 TA' DIĊEMBRU 2022 FEJN IĠĠARRFET BINJA WAQT XOGĦOL TA' KOSTRUZZJONI U ĠIET IKKAĠUNATA L-MEWT TA' JEAN PAUL SOFIA**

Il-Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia, infurmat lill-Kamra li d-diskussjoni bla vot b'rabta mar-rapport tal-bord tal-inkjesta li nħatar wara l-inċident li seħħ nhar it-3 ta' Diċembru fejn iġġarrfet binja waqt xogħol ta' kostruzzjoni u ġiet ikkaġunata l-mewt ta' Jean Paul Sofia kellha tibqa' għaddejja sakemm ma jkunx hemm iktar rimarki, biż-żieda ta' seduti addizzjonali skont il-bżonn. Fis-seduti addizzjonali ma għandux ikun hemm ħin għall-mistoqsijiet parlamentari, u l-ħin tal-aġġornament ma jittieħidx.

L-Onor. Cachia informat ukoll illi d-diskussjoni ta' dakinhar kellha tintemm fis-7.00 p.m bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bil-ftuħ u l-għeluq għall-Gvern.

Il-Kamra kellha terġa' tiltaqa' l-Ħamis 29 ta' Frar 2024, b'dan illi ma jkunux affettwati l-alternanza u l-perjodu allokat għal xogħol ta' membri privati skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 87. Il-ħin tal-interventi tal-Membri jkun ta' massimu ta' nofsiegħa għall-bqija tal-kelliema fis-seduti addizzjonali.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, informa lill-Kamra li kien għad ma hemmx ftehim dwar il-ġranet li fihom għandha ssir id-diskussjoni.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bernard Grech, informa lill-Kamra illi wara diskussjoni mal-ġenituri ta' Jean Paul Sofia, kien wera x-xewqa illi omm u missier Jean Paul Sofia jsegwu d-diskussjoni mis-Sala tal-Parlament minflok ma jkunu fil-gallarija tal-pubbliku.

Il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, qabel ma' din il-proposta.

Bil-permess tal-Kamra, is-Sa Isabelle Bonnici u s-Sur John Sofia daħlu fis-Sala.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Robert Abela, l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Stanley Zammit u l-Onor. Jonathan Attard.

Il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3196 Rapport tal-Inkjesta Pubblika magħmul mill-Bord kompost mill-Imħallef Emeritu Joseph Zammit McKeon, is-Sur Charles Deguara u l-Perit Mario Cassar *Jean Paul Sofia li miet fit-3 ta' Diċembru 2022* preżentat lill-Onor. Prim Ministru fit-28 ta' Frar 2024.

Fuq proposta tal-Kap tal-Oppożizzjoni, inżammet minuta silenzju fil-bidu tad-diskors tiegħu.

Fis-7.02 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

**FTEHIM TAL-KAMRA**

Il-Whip tal-Gvern informat lill-Kamra li kien intlaħaq qbil illi l-Kamra tiltaqa' l-Ħamis, 29 ta' Frar 2024 u l-Ġimgħa, l-1 ta' Marzu 2024 fis-2.00 p.m., bil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun fis-7.00 p.m., u ma jkunx hemm mistoqsijiet parlamentari u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx, sabiex titkompla d-diskussjoni ġenerali mingħajr vot kif tidher fuq l-Aġenda.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni ikkonferma dan il-ftehim.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar il-Ħamis, 29 ta' Frar 2024, fis-2.00 p.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Diskussjoni Ġenerali mingħajr vot b'rabta mar-rapport tal-Bord tal-Inkjesta li nħatar dwar l-inċident li seħħ nhar it-3 ta' Diċembru 2022 fejn iġġarrfet binja waqt xogħol ta' kostruzzjoni u ġiet ikkaġunata l-mewt ta' Jean Paul Sofia | Kontinwazzjoni |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Tielet Qari |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) | Kumitat Permanenti |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Janice Chetcuti, mill-Onor. Stephen Spiteri u mill-Onor. Jerome Caruana Cilia.

Fis-7.29 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 29 ta' Frar 2024, bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**